IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.8.2018
COM(2018) 594 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali

1. INTRODUZZJONI

L-għan ewlieni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007[1] ("ir-Regolament") huwa li jiġbor u jikkompila statistika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 12 tar-Regolament jistipula li "Sal-20 ta' Awwissu 2012 u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika kompilata skont dan ir-Regolament u l-kwalità tagħha."

Dan ir-rapport isegwi l-ewwel tnejn adottati mill-Kummissjoni f'Settembru 2012[2] u f'Lulju 2015[3].

Dan ir-rapport jiddokumenta l-progress li sar mill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), fl-implimentazzjoni tar-Regolament mit-tieni rapport u jispjega l-passi li jmiss biex tkompli tittejjeb il-kwalità tal-istatistika dwar il-migrazzjoni u dwar il-protezzjoni internazzjonali.

2. L-ISTATISTIKA KOPERTA B'DAN IR-REGOLAMENT

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 jikkonċerna l-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea relatata mal-migrazzjoni u mal-protezzjoni internazzjonali (l-ażil). L-oqsma koperti huma:

- il-flussi tal-migrazzjoni internazzjonali diżaggregati skont il-grupp taċ-ċittadinanza, il-gruppi tal-pajjiż tat-twelid, il-gruppi tal-pajjiżi tar-residenza preċedenti/li jmiss, l-età u s-sess (Artikolu 3);
- ir-raggruppamenti tal-popolazzjoni diżaggregati skont il-gruppi ta' ċittadinanza, il-gruppi tal-pajjiż tat-twelid, l-età u s-sess (Artikolu 3);
- l-akkwisti ta' ċittadinanza skont il-pajjiż taċ-ċittadinanza preċedenti (Artikolu 3);
- l-applikazzjonijiet għall-ażil, id-deċiżjonijiet tal-prim'istanza u d-deċiżjonijiet ta' appell li jagħtu jew jirtiraw forom differenti ta' status ta' protezzjoni internazzjonali, imqassma skont iċ-ċittadinanza (Artikolu 4);
- l-applikazzjonijiet għall-ażil minn minorenni mhux akkumpanjati, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza (Artikolu 4);
- l-istatistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III[4] mill-Istati Membri (Artikolu 4);
- iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma tħallewx jidħlu fl-Istat Membru fil-fruntiera esterna jew li nstab li kienu fl-Istat Membru b'mod illegali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-immigrazzjoni, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza (Artikolu 5);
- il-permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, it-tul tal-validità tal-permess u r-raġuni (kategorija tal-immigrazzjoni) għalfejn ikun inħareġ il-permess (Artikolu 6); kif ukoll

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

[2] COM (2012) 528 final.

[3] COM (2015) 374 final.

[4] ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.

- iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw l-ordni biex iħallu t-territorju ta' Stat Membru skont il-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni jew li ġew irreġistrati li se jitilqu wara li tkun inħarġitilhom tali ordni, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza (Artikolu 7).

Bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni kompliet taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-produzzjoni u fil-forniment tad-*data* għar-Regolament. L-istatistika dwar il-flussi migratorji, l-akkwisti taċ-ċittadinanza u r-raggruppamenti tal-popolazzjoni tiġi ġeneralment fornuta lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-istituti nazzjonali tal-istatistika. L-istatistika dwar il-permessi ta' residenza u l-ażil normalment tingħata direttament mill-ministeri tal-intern jew mis-servizzi tal-immigrazzjoni. L-istatistika dwar il-kontrolli tal-fruntieri u t-tneħħija ta' migranti mhux awtorizzati tiġi fornuta wkoll mill-ministeri tal-intern jew mis-servizzi tal-immigrazzjoni, jew inkella mill-awtoritajiet tal-pulizija.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn din l-istatistika li għaliha l-ewwel sena ta' referenza tal-ġbir ta' *data* kienet l-2008.

Tabella 1: Il-karatteristiċi ewlenin tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 862/2007

	Artikolu 3 **Flussi migratorji, akkwisti ta' ċittadinanza, raggruppamenti tal-popolazzjoni**	**Artikolu 4** **L-ażil**	**Artikoli 5 u 7** **L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni**	**Artikolu 6** **Permessi ta' residenza**
Kopertura ġeografika	L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA[5]			
Frekwenza	Annwali	Kull xahar/kull tliet xhur/annwali	Annwali	Annwali
L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data*	12-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza	xahrejn wara l-perjodu ta' referenza għad-*data* ta' kull xahar/ta' kull tliet xhur, 3 xhur wara l-perjodu ta' referenza għad-*data* annwali	3 xhur wara tmiem is-sena ta' referenza	6 xhur wara tmiem is-sena ta' referenza
Fornituri tad-*data*	L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika	Il-ministeri tal-intern jew aġenziji tal-immigrazzjoni relatati jew pulizija tal-fruntieri		

[5] In-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera.

3. LEĠIŻLAZZJONI RILEVANTI OĦRA

Fl-2016, daħlet fis-seħħ bażi ġuridika ġdida għall-migrazzjoni legali. Din hija rilevanti għall-istatistika dwar il-permessi ta' residenza kkompilati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u fil-futur qarib se tintuża għal dan il-ġbir ta' *data*. L-att legali inkwistjoni huwa:

> Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing[6].

Il-ġbir ta' *data* bbażat fuq din id-Direttiva se jibda fl-2020, bl-2019 tkun is-sena ta' referenza. Barra minn hekk, l-istatistika prodotta skont din id-Direttiva hija soġġetta għall-evalwazzjoni tagħha stess. Għalhekk, ma ġietx inkluża fl-evalwazzjoni tal-kwalità f'dan ir-Rapport. Huwa wkoll il-każ għall-ġabriet ta' *data* mnedija reċentement fir-rigward tad-"Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġonali"[7] u d-"Direttiva dwar it-Trasferimenti Intraażjendali"[8] li għalihom il-ġbir beda fl-2018 bis-sena ta' referenza 2017.

4. IL-PROGRESS ĠENERALI LI SAR MIR-RAPPORT TAL-2015

Mill-aħħar rapport tal-2015, id-disponibbiltà u l-kompletezza tad-*data* żdiedet sew fil-ġabriet tad-*data* kollha. It-titjib fil-kwalità tad-*data* ġenerali għenu biex, b'mod ġenerali, id-*data* ssir aktar preċiża, aktar koerenti u aktar komparabbli. L-Istati Membri tejbu s-sorsi ta' *data* sottostanti u l-għodod statistiċi użati għall-preparazzjoni tad-*data* , sabiex id-data pprovduta lill-Kummissjoni tkun aħjar f'termini ta' preċiżjoni, kopertura u tempestività.

Data aktar puntwali u ta' kwalità ogħla mill-Istati Membri, ippermettiet lill-Kummissjoni tqassar iż-żmien meħtieġ għad-disseminazzjoni tad-*data*. Dan ippermetta rilaxxi tad-*data* aktar fil-ħin u titjib fl-aċċessibbiltà tad-data għall-utenti.

Mir-rapport tal-2015, il-Kummissjoni (Eurostat) għamlet diversi titjibiet metodoloġiċi. Dawn iffukaw fuq (i) analiżijiet tal-klassifikazzjoni ħażina ta' avvenimenti demografiċi; (ii) l-inklużjoni/l-esklużjoni ta' persuni li jfittxu l-ażil u refuġjati; (iii) koerenza ma' *data* dwar permessi għall-ażil u ta' residenza; (iv) l-iżgurar ta' bilanċ demografiku konsistenti. Dan it-titjib tekniku rriżulta f'aktar validazzjoni tad-*data* u proċessar effiċjenti; flimkien ma' dan, il-ġbir ta' *metadata* ta' kwalità estensiva rriżulta f'valutazzjoni aħjar tal-kwalità ta' *data* li tkun dieħla. Fejn meħtieġ, intbagħtu ittri amministrattivi sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi legali.

Barra minn hekk, fl-oqsma tal-istatistika miġbura taħt l-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007, ħtiġijiet ta' politika ġodda għal *data* addizzjonali mhux ippjanata skont il-leġiżlazzjoni attwali ġew ittrattati b'mod esklużiv fuq bażi volontarja. Madankollu, dan l-approċċ mhuwiex dejjem effiċjenti. F'dan il-qasam ta' protezzjoni internazzjonali u migrazzjoni ġestita, il-kooperazzjoni statistika fil-Kummissjoni ma' korpi oħra tal-UE (e.ż. l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta – il-

[6] ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21.

[7] Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375).

[8] Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intraazjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

Frontex jew l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali) u mal-Istati Membri rriżultat f'linji gwida riveduti għad-*data* miġbura skont ir-Regolament[9]. It-titjib metodoloġiku msemmi hawn fuq wassal għal ċarezza akbar fid-definizzjonijiet u fil-kunċetti statistiċi. L-aktar tliet Direttivi riċenti fil-qasam tal-migrazzjoni legali (jiġifieri id-"Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġonali", id-"Direttiva dwar it-Trasferimenti Intra-*data* ażjendali" u d-"Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerka") u l-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-politika għall-istatistika addizzjonali dwar il-migrazzjoni u l-ażil ġew inklużi fil-gwida metodoloġika għall-ġbir ta' dwar l-ażil, l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-permessi ta' residenza. Ir-rilevanza tad-*data* ġiet eżaminata wkoll. B'konsegwenza ta' dan, l-informazzjoni nazzjonali dwar il-*metadata* rrappurtata mill-Istati Membri tiġi disseminata fuq is-sit web tal-Eurostat flimkien mad-*data* , wara l-validazzjoni tal-*metadata* u tad-*data*.

Sabiex ir-Regolament ikun aktar risponsiv għal ambjent ta' politika ġdid u aktar dinamiku, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva li temenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007[10]. L-għan tal-emenda proposta huwa li tagħti aktar kompletezza, preċiżjoni, tempestività, affidabbiltà u ċertezza milli huwa possibbli skont l-arranġament attwali, fuq il-bażi ta' ftehimiet informali. Bl-istess mod, jeħtieġ li tiġi żviluppata flessibbiltà rigward titjib ulterjuri fl-istatistika dwar il-migrazzjoni, sabiex is-Sistema Ewropea tal-Istatistika tkun aktar responsiva u rilevanti għal kwalunkwe żvilupp ulterjuri fir-rekwiżiti dwar il-migrazzjoni tad-*dat* . L-emenda fil-biċċa l-kbira tistabbilixxi bażi ġuridika għall-ġabriet ta' *data* volontarji u tipprovdi flessibbiltà għal speċifikazzjonijiet futuri tad-*data*.

L-emenda tar-Regolament tiżgura li l-istatistika tkun disponibbli f'żoni fejn il-partijiet ikkonċernati esprimew ħtiġijiet ċari, l-aktar dwar: l-ażil, ir-ritorni, (frekwenza ogħla u diżaggregazzjonijiet aktar obbligatorju), permessi ta' sistemazzjoni mill-ġdid u residenza, bi tqassim addizzjonali skont kriterji bħall-età u s-sess. Din il-flessibbiltà toħloq aggregati tal-UE li bħalissa mhumiex disponibbli iżda li fil-futur jistgħu jkunu meħtieġa.

5. IL-KWALITÀ TAL-ISTATISTIKA PRODOTTA

5.1. Rilevanza

Fil-Kummissjoni, l-utent ewlieni tal-istatistika dwar il-protezzjoni internazzjonali huwa d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. Din l-istatistika tintuża wkoll spiss minn Direttorati Ġenerali oħrajn tal-Kummissjoni, inkluż id-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi.

Użu wieħed importanti ta' din l-istatistika kien bħala parti mill-allokazzjonijiet baġitarji annwali tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Fondi għall-Flussi Migratorji għal kull Stat Membru. Bħal fi snin preċedenti, dawn il-fondi huma bbażati fuq il-Fond għall-Ażil, għall-Migrazzjoni u għall-

[9] Reviżjoni tal-*Linji Gwida Tekniċi għall-ġbir ta' data skont l-Artikolu 4(1) sa 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 - Statistika dwar l-Ażil* u tal-*Linji Gwida Tekniċi għall-ġbir ta' data skont l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 - Infurzar tal-Istatistika dwar il-Leġiżlazzjoni dwar l-Immigrazzjoni (EIL)* fl-2018. Reviżjoni tal-*Linji Gwida Tekniċi għall-ġbir ta' data skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 - Statistika dwar il-Permessi ta' Residenza* u tal-*Linji Gwida dwar il-ġbir ta' data skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament 862/2007 - l-Istatistika ta' Dublin* fl-2017.

[10] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali - COM (2018) 307 final.

Integrazzjoni, stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 516/2014[11], u l-Fond dwar is-Sigurtà Interna, stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 515/2014[12] għal bejn l-2014 u l-2020. Minħabba l-arranġamenti ta' finanzjament multiannwali skont dawn il-fondi l-ġodda, id-*data* ma għadhiex tingħata kull sena. L-allokazzjonijiet ġew ikkalkulati abbażi tal-istatistika mibgħuta qabel, bl-eċċezzjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna, fejn huwa meħtieġ rieżami ta' nofs it-terminu.

L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali tintuża mill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' rapporti regolari, proposti ta' politika, rapporti ta' implimentazzjoni meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni Ewropea u analiżi tal-politika. Pereżempju, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni[13] jkompli jkun utent ewlieni tal-istatistika dwar il-protezzjoni internazzjonali u l-migrazzjoni tal-Eurostat għar-Rapport Annwali tiegħu dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[14]. Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali fattwali lejn l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-migrazzjoni legali, il-protezzjoni internazzjonali, il-migrazzjoni irregolari u r-ritorn, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

L-użu ta' statistika Ewropea dwar il-protezzjoni internazzjonali biex tappoġġja lil aġenziji tal-Unjoni Ewropea relatati mal-migrazzjoni bħall-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil kompla jiżdied. Il-Eurostat jaħdem mill-qrib ħafna ma' dawn l-aġenziji fuq ġabriet ta' *data* u metodoloġija statistika relatata.

Mill-2016, iċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Migrazzjoni u d-d-Demografija tal-Kummissjoni Ewropea uża l-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali b'mod estensiv biex jikkontribwixxi għarfien rilevanti għall-politika u analiżi bbażata fuq l-evidenza għat-tfassil tal-politika tal-UE. Barra milli jappoġġja l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-enfasi taċ-ċentru tinsab fuq l-iżviluppi b'rabta mal-migrazzjoni globali u l-impatt demografiku tagħhom fuq l-UE fuq terminu medju jew twil. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka imexxi l-attivitajiet ta' kuljum tiegħu. Il-Eurostat huwa kontributur ewlieni ta' din l-impriża bl-istatistika Ewropea tiegħu dwar ir-raggruppamenti u l-flussi migratorji, ir-raggruppamenti tal-popolazzjoni skont iċ-ċittadinanza u l-pajjiż tat-twelid, il-migrazzjoni legali, l-asil u l-migrazzjoni irregolari.

Barra minn hekk, l-istatistika prodotta skont dan ir-Regolament tintuża b'mod regolari minn amministrazzjonijiet nazzjonali, riċerkaturi akkademiċi u gruppi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti inklużi l-integrazzjoni tal-immigranti, l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' proċeduri tal-asil u l-immigrazzjoni nazzjonali, u l-projezzjoni tal-popolazzjoni u tal-forza tax-xogħol fil-ġejjieni.

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

[13] http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network/index_en.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

[14] In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, Annual Report on Migration and Asylum 2017 (disponibbli bl-Ingliż biss).

L-istatistika dwar il-migrazzjoni hija fost l-aktar statistika Ewropea kkonsultata b'mod wiesa'. It-taqsima dwar il-popolazzjoni[15] fuq is-sit web tal-Eurostat tippreżenta l-indikaturi disponibbli, il-qafas regolatorju u l-metodi tal-ġbir ta' *data*. Din ilha tokkupa l-ewwel post fost it-taqsimiet tematiċi fuq is-sit web mill-2016. L-interess tal-utenti fid-*data* dwar il-migrazzjoni, dwar il-popolazzjoni skont iċ-ċittadinanza u l-pajjiż tat-twelid, u dwar l-akkwist taċ-ċittadinanza, kiber b'mod konsistenti bejn l-2015 u l-2017. Matul dan il-perjodu, l-użu tagħha żdied b'47 %. Il-paġna dwar l-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-popolazzjoni tal-migranti[16] kważi esperjenzat l-istess żieda relattiva (46 %). Mill-2016, stabbilixxiet ruħha bħala l-paġna bl-aktar numru ta' żjarat tat-taqsima tat-tip wiki tal-Istatistika Spjegata tas-sit web tal-Eurostat. Dawn ir-riżultati jikkonfermaw ir-rilevanza tad-*data* għall-utenti.

5.2. Preċiżjoni

Mir-Rapport tal-2015, kien hemm titjib ulterjuri fil-preċiżjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri. Hemm numru ta' raġunijiet għal dan. L-Istati Membri qed ikomplu jintroduċu sistemi amministrattivi aktar integrati u komprensivi li jużaw metodi moderni tal-informatika u tal-komunikazzjoni. Is-sistemi l-ġodda jirrispondu aħjar għar-rekwiżiti metodoloġiċi u tekniċi tal-ġabriet ta' *data* tal-Eurostat. L-Istati Membri żammew lill-Eurostat infurmat bil-bidliet li għaddejjin fis-sistemi amministrattivi u fittxew il-parir u l-konferma li d-*data* tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Il-Eurostat jiġbor il-*metadata*, u b'mod partikolari l-informazzjoni dwar il-preċiżjoni tad-*data* , li tispjega, fost affarijiet oħra, is-sorsi tad-*data* u l-proċeduri, kull stima jew proċess tal-immudellar li jiġi applikat għad-*data*, u l-effetti possibbli ta' dawn fuq il-livell ta' konformità mad-definizzjonijiet fir-Regolament. Barra minn hekk, kwestjonarji dwar il-kwalità speċjali jiġbru aktar informazzjoni dwar il-kwalità tad-*data*.

Wara r-Rapport tal-2015, kompla tnaqqas ti l-ammont ta' *data* nieqsa u mhux sħiħa. Għadd ta' awtoritajiet nazzjonali tejbu l-prattiki biex jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa tingħabar waqt il-proċeduri amministrattivi relatati mal-immigrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, u tejbu s-sistemi informatiċi biex din id-*data* tkun tista' tinkiseb faċilment għal finijiet statistiċi.

Fl-aħħar nett, il-Eurostat jipparteċipa fil-Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistika dwar il-Persuni Spustati Internament u r-Refuġjati[17]. Il-ħidma ta' dan il-Grupp wasslet għar-Rakkomandazzjonijiet Internazzjonali dwar l-Istatistika dwar ir-Refuġjati approvati min-Nazzjonijiet Unitiți[18]. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet stabbilew l-istandards globali għall-produzzjoni ta' statistika dwar il-protezzjoni internazzjonali. Pereżempju, huma jsejħu għall-għeluq ta' lakuni u standards proprja fl-istatistika dwar tfal u minorenni mhux akkumpanjati spostati b'mod sfurzat.

Minkejja t-titjibiet, jifdal kwistjonijiet ta' preċiżjoni speċifiċi dwar id-*data* miġbura taħt l-Artikolu 3. Dawn huma relatati kemm man-nuqqas ta' kopertura (jiġifieri persuni ma jirreġistrawx fil-post ta' residenza tagħhom) kif ukoll mal-kopertura żejda (jiġifieri persuni li ma jneħħux ir-reġistrazzjoni, minħabba li spiss ma jkun hemm l-ebda obbligu jew inċentiva biex isir

[15] http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).
[16] http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Migration_and_migrant_population_statistics
[17] http://ec.europa.eu/eurostat/web/expert-group-on-refugee-statistics/home (disponibbli bl-Ingliż biss).
[18] https://unstats.un.org/unsd/statcom/49th-session/documents/BG-Item3m-RefugeeStat-E.pdf (disponibbli bl-Ingliż biss).

dan). L-iskambju ta' *data* dwar il-migrazzjoni ffaċilitat mill-Eurostat jgħin biex itaffi tali kwistjonijiet (ara t-Taqsima 5.5.1).

5.3. Tempestività u Puntwalità

Skont it-tip ta' *data* kkonċernata, l-iskadenza għat-tressiq tad-*data* hija ta' bejn xahrejn u tnax-il xahar wara d-data ta' referenza jew wara tmiem il-perjodu ta' referenza.

Mir-Rapport tal-2015 'l hawn, il-puntwalità tal-forniment tad-*data* tjiebet. L-introduzzjoni tal-proċeduri awtomatiċi ta' estrazzjoni fil-livell nazzjonali, u l-monitoraġġ regolari mill-Eurostat wasslu għal forniment ta' *data* puntwali. Xi kwistjonijiet li jifdal mhumiex rikorrenti - pereżempju, interruzzjonijiet iżolati minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-persunal jew in-nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi komputazzjonali.

Il-forniment aktar komplut u aktar fil-ħin tad-*data* skont ir-Regolament, min-naħa, għen lill-Eurostat biex itejjeb it-tempestività u l-puntwalità tal-ipproċessar u tad-disseminazzjoni tad-*data* tiegħu. Il-ħin tad-dewmien bejn id-*data* li tkun qed tiġi riċevuta u d-data vvalidata li tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Eurostat naqas b'mod sinifikanti wara r-Rapport tal-2015. Barra minn hekk, iż-żmien tal-ipproċessar kompla naqas bl-introduzzjoni ta' proċeduri awtomatiċi ta' validazzjoni interna, b'rappurtar lill-fornituri nazzjonali tad-*data* dwar il-feedback dwar l-iżbalji.

5.4. Aċċessibbiltà

Id-*data* (u l-*metadata*) għall-erba' dominji kollha (il-migrazzjoni, ir-raggruppamenti tal-popolazzjoni, il-kisba taċ-ċittadinanza; l-Ażil; L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni; il-permessi tar-residenza) hija disponibbli mingħajr ħlas mis-sit web tal-Eurostat taħt is-suġġetti *Popolazzjoni (Demografija, migrazzjoni u projezzjonijiet)*[19] u *L-ażil u l-migrazzjoni ġestita*[20]. Barra minn hekk, din id-*data* hija inkluża f'pubblikazzjonijiet ta' kompendji bħall-*Eurostat Statistics Explained*[21] u *Key figures on Europe*[22]. Mir-Rapport tal-2015 'l hawn, il-Eurostat għamel użu akbar mill-artikli ta' *Statistics Explained* billi ta aktar informazzjoni dwar l-istatistika, ix-xejriet, u l-interpretazzjoni tagħha. Dawn it-tip ta' artikli jiġu prodotti u aġġornati b'mod regolari għad-*data* kollha li tinġabar taħt ir-Regolament[23].

5.5. Komparabbiltà u koerenza

5.5.1. Definizzjonijiet

Il-problemi relatati mal-applikazzjoni fl-Istati Membri tal-ispeċifiċitajiet tad-definizzjonijiet għall-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-akkwist taċ-ċittadinanza koperta mill-Artikolu 3 tar-Regolament ikomplu jkunu fost l-aktar diffiċili biex jiġu indirizzati. Huwa għal din id-*data* li hemm l-akbar differenzi bejn sistemi nazzjonali, minħabba li l-Istati Membri jużaw varjetà ta' sorsi tad-*data*. L-isforzi biex jingħelbu l-problemi li jifdal għadhom għaddejjin. Pereżempju, żewġ Stati Membri ma kinux kapaċi jużaw il-kriterju ta' 12-il xahar biex jiġu definiti l-flussi ta' emigrazzjoni minħabba kriterju ta' 6 xhur biex jiġu definiti l-flussi tal-immigrazzjoni li ntuża

[19] http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).
[20] http://ec.europa.eu/eurostat/web/asylum-and-managed-migration/statistics-illustrated (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).
[21] http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Main_Page
[22] http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-EI-17-001 (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).
[23] http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Population (disponibbli bl-Ingliż biss).

għal xi Stati Membri tar-residenza li jmiss; Stat Membru wieħed għadu ma jistax juża l-kriterju tal-għajxien fil-pajjiż għall-akkwist taċ-ċittadinanza, minħabba li l-Istat Membru jinkludi ċ-ċittadinanza mogħtija lil persuni li ma jgħixux fl-Istat Membru.

L-istatistika koperta mill-Artikolu 3 tar-Regolament tkompli jkollha konsistenza u komparabbiltà għolja ħafna mal-ġabriet ta' *data* demografika koperti mir-Regolament Nru 1260/2013[24] wara ftehim li ntlaħaq mal-Istati Membri biex japplikaw l-istess definizzjonijiet u d-distribuzzjonijiet tal-età, u dwar id-definizzjoni tal-aggregati tal-UE. Inkiseb titjib fid-definizzjonijiet, fil-metodi u fis-sorsi tad-*data* bis-saħħa tal-input utli tad-*data* mir-rawnd tal-2011 taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni tal-UE, flimkien mal-użu ta' *data* statistika li tirrefletti dan: Il-Eurostat joffri lill-Istati Membri faċilità għall-iskambju ta' *data* dwar il-migrazzjoni (emigrazzjoni u immigrazzjoni). Tali skambji jgħinu tassew fit-tnaqqis ta' kwistjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni (ara wkoll it-Taqsima 5.2).

Il-linji gwida metodoloġiċi msemmija fit-Taqsima 4 jibqgħu fis-seħħ għall-ġabriet ta' data taħt l-Artikoli 4 sa 7. Dawn jittejbu kontinwament biex jipprovdu gwida aktar ċara u aktar preċiża dwar id-definizzjonijiet u l-kunċetti għall-ġabriet ta' *data* dwar l-ażil, il-permessi tar-residenza, u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni. Huma jinkorporaw ukoll l-aktar innovazzjonijiet riċenti fil-leġiżlazzjoni Ewropea (ara t-Taqsima 3 ta' dan ir-Rapport u r-Rapport tal-2015). Fergħa oħra ta' ħidma fil-livell internazzjonali hija l-iżvilupp tar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar l-istatistika tar-refuġjati (ara t-Taqsima 5.2).

5.5.2. Sorsi tad-data

Mir-Rapport tal-2015 u dwar l-Artikolu 3, l-Istati Membri tejbu l-kwalità tal-istatistika trażmessa lill-Eurostat billi ħadmu fuq il-metodoloġija ta' stima nazzjonali tagħhom u l-użu ta' sorsi tad-*data* amministrattiva addizzjonali fl-istimi tagħhom. Xi Stati Membri, b'mod partikolari, jagħmlu użu mill-flussi mera rrappurtati mill-pajjiżi sħab biex isolvu l-iżbalji ta' koperturi li jirriżultaw min-nuqqas ta' prosperità għar-reġistrazzjoni u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni. Dan għen biex tiġi kkontrollata s-sottovalutazzjoni tal-flussi emigratorji u l-għadd doppju tal-parti tar-raggruppamenti tal-popolazzjoni. Il-Eurostat issorvelja din il-ħidma billi involva ruħu f'diskussjonijiet fil-fond ma' istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra, u billi għen lill-Istati Membri jiskambjaw id-*data*. Il-kwistjonijiet tal-protezzjoni ta' *data* personali u d-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għamlu progress f'dan il-qasam diffiċli ħafna. Barra minn hekk, il-libertà tal-moviment fl-UE, ikkombinata ma' kwistjonijiet tal-protezzjoni ta' *data* personali, poġġiet limitazzjonijiet stretti fuq titjib ulterjuri fil-kwalità għall-istatistika dwar il-migrazzjoni, speċjalment fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE.

Il-forniturі tad-*data* nazzjonali infurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) b'titjib ulterjuri u żviluppi mill-ġdid tar-reġistri amministrattivi li jkopru l-ażil, il-permessi ta' residenza u l-istatistika dwar l-infurzar. Dawn it-titjibiet kienu mmirati l-aktar lejn il-modernizzazzjoni tar-reġistri, inkluż konformità aħjar mar-rekwiżiti metodoloġiċi u tekniċi tal-ġabriet ta' *data* skont ir-Regolament. F'xi Stati Membri dawn l-iżviluppi tekniċi wasslu għal interruzzjonijiet temporanji fil-forniment tad-*data*. Il-Eurostat ikun konxju tagħhom minn qabel u eventwalment jirriżultaw f'titjibiet fil-kwalità tad-*data*.

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

Repożitorju ċentrali futur għall-istatistika u r-rappurtar, ospitat mill-Aġenzija Ewropea, għall-Ġestjoni Operazzjonali ta' Sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), se jkun fih data anonimizzata estratta mill-bażi ta' *data* tal-marki tas-swaba' dattiloskopika Ewropea (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) li se jiġu implimentati. Mingħajr ħsara għall-istrumenti legali rilevanti, u b'ħarsien sħiħ tal-limitazzjonijiet tal-għan ipprovduti fihom, il-Kummissjoni (il-Eurostat) bdiet diskussjonijiet biex tesplora l-possibbiltà tal-użu ta' din id-*data* fil-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-migrazzjoni bil-għan li eventwalment tissostitwixxi partijiet mill-ġabriet ta' *data* nazzjonali attwali.

5.5.3. Koerenza

Fejn paragun huwa possibbli, jista' jidher grad għoli ta' koerenza mad-*data* miġbura u ppubblikata f'eżerċizzji oħra u minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali. Il-Eurostat jikkoopera mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil u l-Frontex biex jiżgura koerenza sħiħa fid-*data* miġbura minn dawn l-aġenziji. Kull differenza bejn id-*data* fornuta lill-Eurostat u l-istatistika ppubblikata mill-awtoritajiet nazzjonali tista' tiġi spjegata permezz ta' differenzi fid-definizzjoni: l-Istati Membri jistgħu jkunu għażlu li jżommu definizzjonijiet distinti fl-istatistika nazzjonali tagħhom. Minħabba li d-*data* pprovduta skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 sistematikament tintuża f'daqqa mill-istatisti u d-demografi, ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li d-data dwar il-popolazzjoni tkun konsistenti ma' dik mitluba skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007.

5.6. Miżuri għat-titjib tal-kwalità

Il-Kummissjoni tkompli twettaq miżuri ta' segwitu meta ssib nuqqas ta' konformità mar-Regolament. F'xi każijiet, id-*data* fornuta mill-Istati Membri ma kinitx sħiħa, kienet ta' kwalità baxxa, jew ma tatx riżultati skont l-iskadenzi legali. Dawn il-miżuri (e.ż. ittri amministrattivi) huma parti mill-monitoraġġ ta' konformità regolari tal-Eurostat.

Ix-xejra f'dawn il-miżuri mir-Rapport tal-2015 tindika aktar progress mill-Istati Membri f'termini ta' kompletezza, kwalità u tempestività tad-*data*. In-numru ta' ittri amministrattivi mibgħuta lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika naqas b'mod stabbli.

Bħala rispons għall-ħtieġa biex il-kwalità tad-*data* tiġi evalwata b'mod aktar effettiv u komprensiv, fl-ipproċessar tad-data ġie introdott softwer għall-validazzjoni awtomatika tad-*data*. Din l-għodda awtomatika hija disponibbli wkoll għall-forniturі tad-*data* nazzjonali, u l-verifiki huma bbażati fuq is-settijiet ta' regoli ta' validazzjoni miftehma bejn il-Eurostat u l-Istati Membri.

Biex jevalwa f'aktar dettall il-kwalità tad-*data* dieħla, il-Eurostat wettaq ħidma ta' ġbir ta' *metadata* u informazzjoni ta' kwalità aktar estensivi. Skont l-istandards tal-kwalità tas-Sistema Statistika Ewropea, sa mill-2014, ġew żviluppati kwestjonarji dwar il-kwalità speċifiċi għal kull qasam, għall-oqsma statistiċi tal-ażil, tal-permessi tar-residenza u tal-infurzar. Ir-rapporti dwar il-

kwalità nazzjonali disponibbli se jservu ta' għajnuna għall-kontrolli tal-kwalità, l-evalwazzjoni u t-titjibiet, u huma aċċessibbli għall-pubbliku[25].

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013, l-Istati Membri kienu mitluba jwettqu studji ta' fattibbiltà dwar l-użu tad-definizzjoni "residenza abitwali" tal-popolazzjoni u jibagħtu r-riżultati ta' dawn l-istudji lill-Eurostat sa tmiem l-2016. L-istudji kienu jinkludu analiżi tas-sorsi tad-*data* attwali u potenzjali, l-ipproċessar tad-*data* u l-metodi ta' stima għall-istatistika meħtieġa. Huma kienu mfassla l-aktar biex jagħmlu l-kunċetti u d-definizzjonijiet aktar komparabbli u konsegwentement jipproduċu kwalità u komparabbiltà tad-*data* aħjar. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji se jiġu elenkati fir-rapport tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 li l-Kummissjoni se tadotta sa tmiem l-2018. Ir-riżultati tal-istudji ta' fattibbiltà msemmijin hawn fuq u tar-rapport jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u għaldaqstant fuq il-konsistenza mad-*data* stipulata skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007.

6. KONKLUŻJONIJIET

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 irriżulta f'titjibiet ċari fl-istatistika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, mir-Rapport tal-2015 'l hawn, ġie osservat aktar titjib fid-disponibbiltà, fil-kompletezza, fil-kwalità u fit-tempestività tad-*data*. Il-ġabriet ta' *data* skont ir-Regolament ġarrbu aktar żviluppi metodoloġiċi u tekniċi li wasslu għal gwida mtejba għall-Istati Membri. Il-kwalità tad-*data* li waslet skont ir-Regolament ibbenefikat ukoll bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 u l-miżuri ta' implimentazzjoni marbutin miegħu. Jenħtieġ li t-titjibiet fil-kwalità jkomplu fil-futur, l-aktar biex tiżdied it-tempestività tad-*data* , tittejjeb il-preċiżjoni, jiġu indirizzati n-nuqqas ta' kopertura u l-kopertura żejda u jimtlew il-lakuni tad-*data*.

Kien hemm żieda korrispondenti fl-użu ta' din l-istatistika minn korpi uffiċjali fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali, minn korpi mhux governattivi u mill-pubbliku inġenerali.

Madankollu, minħabba fl-istruttura tiegħu, ir-Regolament ma għadux jista' jwieġeb għal talbiet ta' utenti ġodda. Minħabba dan, lakuni tad-*data* ġodda identifikati mill-Kummissjoni ġew indirizzati minn approċċi ta' ġbir ta' *data* oħra bħall-ġabriet ta' *data* volontarji. Xi eżempji jinkludu applikanti li qed ifittxu l-ażil għall-ewwel darba, tipi ta' ritorn ta' migranti irregolari u permessi ta' residenza, imqassma skont l-età u s-sess u kklassifikati ma' distribuzzjonijiet oħra. Dawn it-trażmissjonijiet tad-*data* volontarji ħadmu pjuttost tajjeb, mal-Istati Membri kollha jew kważi l-Istati Membri kollha. Lakuni fid-*data* oħrajn li ġew identifikati, bħad-*data* tad-distribuzzjoni tal-popolazzjoni skont l-Artikolu 3, skont il-pajjiż tać-ċittadinanza individwali kif ukoll l-immigrazzjoni/l-emigrazzjoni skont il-pajjiż tar-residenza uniku preċedenti/li jmiss, ma jistgħux madanakollu jiġu indirizzati fuq bażi volontarja. Barra minn hekk, djalogu kontinwu mal-utenti tal-politika juri xi ħtiġijiet ta' politika oħra li se jkollhom jiġu indirizzati fil-futur, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* dwar il-permessi ta' residenza: is-sehem/numru kbir (wisq) ta' permessi ta' residenza validi rrappurtati bħala "raġunijiet oħra" li jipprevjeni fehim sħiħ tan-natura tal-migrazzjoni u paragun sinifikanti bejn Stat Membru u ieħor; in-nuqqas ta' *data* dwar il-mobbiltà intra-UE ta' residenti ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment; it-tqabbil imperfett bejn id-*data* tal-ażil (deċiżjonijiet pożittivi) u l-permessi ta' residenza relatati mal-ażil (kemm

[25] http://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/migr_eil_esqrs.htm (disponibbli bl-Ingliż biss); http://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/migr_res_esms.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

raggruppamenti kif ukoll flussi); il-ħtieġa li jiżdied il-valur miżjud ta' ġbir volontarju ta' *data* mniedi reċentement (e.ż. dwar permessi ta' residenza permanenti/għal żmien twil li għadhom kemm ingħataw u dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja mal-benefiċjarji tal-protezzjoni) billi aktar Stati Membri jirrappurtaw din id-*data*. Dan jitlob flessibbiltà għall-ħolqien ta' aggregati tal-UE li bħalissa mhumiex disponibbli - bħaċ-ċittadinanzi ewlenin ta' ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stati Membri oħra.

Filwaqt li jitqies li:

- id-*data* mitluba taħt ir-Regolament jenħtieġ li tirrifletti l-ħtiġijiet li jevolvu tal-utenti u
- jenħtieġ li jitqiesu kapaċità u l-mezzi tal-forniturі tad-data

l-azzjonijiet li ġejjin qegħdin jittieħdu:

1. L-emenda tal-Artikoli 4 sa 7 (protezzjoni internazzjonali u migrazzjoni ġestita) tar-Regolament għall-appoġġ tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Dan se jkun jinvolvi l-forniment lil dawk li jfasslu l-politiki u jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE bi statistika rilevanti għall-politika sabiex ikunu jistgħu jirrispondu b'aktar forza għall-isfidi li toffri l-migrazzjoni. L-inizjattiva, b'mod partikolari, se ssaħħaħ il-kwalità billi tagħti bażi ġuridika lill-istatistika bħalissa miġbura fuq bażi volontarja. Ir-Regolament Emendatorju (KE) Nru 862/2007 se jipprovdi kompletezza, tempestività, affidabbiltà u ċertezza aħjar mit-trażmissjonijiet tad-*data* volontarji attwali tal-Istati Membri. Huwa, b'mod partikolari, se jipprovdi statistika f'dawk l-oqsma fejn il-partijiet ikkonċernati esprimew ħtiġijiet ċari: dwar ritorni (frekwenza ogħla u aktar diżaggregazzjonijiet obbligatorji), sistemazzjoni mill-ġdid, permessi ta' residenza u immigrazzjoni ta' tfal. Se jipprovdi wkoll il-flessibbiltà meħtieġa b'rispons għal ħtiġijiet tad-*data* ġodda u emerġenti. Il-Kummissjoni adottat il-proposta fis-16 ta' Mejju 2018[26].

2. Il-promozzjoni tal-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-*data* amministrattiva nazzjonali f'xi Stati Membri biex tittejjeb il-kwalità tad-*data* dwar il-migrazzjoni.

3. Mingħajr ħsara għall-istrumenti legali rilevanti, u filwaqt li jitħarsu l-limitazzjonijiet tal-għan ipprovduti fihom, jiġu sfruttati l-possibbiltajiet li se jiġu offruti mir-repożitorju ċentrali futur għar-rappurtar u l-istatistika ospitat mill-eu-LISA. Dan ir-repożitorju se jkun fih *data* anonimizzata estratta mill-EURODAC, l-SIS, il-VIS u l-ETIAS u l-EES li ġejjin, li tista' tintuża fil-produzzjoni ta' statistika Ewropea dwar il-migrazzjoni bil-għan li eventwalment jiġu sostitwiti partijiet tal-ġabriet ta' *data* nazzjonali attwali.

[26] COM (2018) 307 final.